




# Il-Mużew tal-Katidral

## (It-Tieni Parti)

F'niċċa fil-ħajt insibu d-diṣinn u l-abbozz tal-arzella tal-orgni tal-Katidral, xogħol ieħor ta' Ġanni Vella. Dan ħadmu fis-sena 1957. F'din il-parti niltaqgħu ma', statwetti maħduma minn artisti differenti. Aktar pittura u naraw lil Santa Roża ta' Lima, xogħol qrib ħafna ta' Gian Nikola Buhagiar. Santa Zita, San Gakbu u Santa Barbara, xogħol minn idejn Stefano Erardi; il-Madonna bil-Bambin Gesu` x'aktarx ta' l-iskola ta' Guido Reni; imbagħad insibu pittura x'aktarx, ta' Giulio Cassarino (1623) li tirrapreżenta lil Santa Katarina ta' Alessandria ma' Joannis Castelletti. Il-kwadru tal-Ħarba lejn l-Eġittu huwa attribwit lil-Filippo Paladino (1544-1616). Fl-aħħar insibu pitturi ta' San Publiju u l-martirju ta' Sant' Agata, u fuq in-naħa t'isfel pitturi tal-fundaturi tal-kappella ta' Santa Marta li tinsab fit-Triq tal-Għonq fir-Rabat, li huma Felic Attard u martu Rożina (1865). Wara dawn hemm il-pittura ta' l-Isqof Gejtanu Pace Forno u żewġ pitturi titulari ta' San Ġilormu u Sant' Ursula.





Ta' nteress hemm għall-wiri kandelabru tal-ħadid li kien jintuża fil-funerali, albi b'xogħol tal-bizzilla ta' Għawdex u pjaneti b'rakmu fin ħafna. Ta' min isemmi wkoll it-tron li kien uża Il-Papa Ġwann Pawlu II meta żar il-Katidral fl-1990.

L-arkivju tal-Katidral jinsab f'dan is-sular ukoll, imma biex wieħed jidħol fih irid jagħmel appuntament. Fih jinżammu manuskritti, kotba antiki tal-mużika u editti storiċi tal-Papiet.

Jiena u ndur f'din is-sala tal-pittura ersaqt lejn tieqa kbira li tinsab tħares lejn in-nofs in-nhar, fejn wieħed igawdi veduta ta' nofs Għawdex b'Malta fil-bogħod, u fuq in-naħa tax-xellug hemm nota żgħira li tinfurmak li minn dak il-post eżatt inti qiegħed 150 metru 'l fuq minn wiċċ il-baħar. Interessanti.



## *Is-sala tal-fided*

Din is-sala tinsab taħt l-oħra fejn hemm l-intrata u kif juri l-isem hawn fuq hemm għall-wiri kwantita` varjata ta' oġġetti tal-fidda li kienu jew għadhom jintużaw fil-knisja Katidrali jew li ġew miksuba minn donaturi. Fost dawn ir-rikkezzi nsibu pittura tal-Verġni Marija fuq il-ġilda u magħluqa ġo relikwarju tal-fidda. Ta' interess għan-numismatisti hija l-kollezzjoni ta' flus ta' Malta u tal-Istat tal-Vatikan. Dawn huma hekk peress li huma f'forma ta' ħarġiet speċjali. Fil-kollezzjoni nsibu kemm il-sett ta' karti tal-glorja nkwadrati fil-fidda li kienu jintużaw fuq l-artali qabel il-Konċilju Vatikan II, kandlieri ta' daqsijiet differenti, speċjalment sett li jolqot l-għajn għal kobor li għandu u minnħabba li hu tal-fidda mastizz u miegħu hemm ukoll il-Kurċifiss. Dan is-sett jintuża' fil-festa ta' Santa Marija. Is-sett kien maħdum f'Heilborn fil-Ġermanja fl-1921 mid-ditta *Bruckman und Sohns*. Numru ta' slaleb pettorali flimkien ma' kull xorta ta' għodda liturġika, kalċijiet li barra l-fidda fihom ukoll xogħol ta' deheb fin, missali bil-qoxra tad-deheb u fidda u bosta oġġetti oħra li jkomplu jarrikkixxu dan it-teżor. L-aħħar iżda mhux l-anqas l-għajnejn jitpaxxew bix-xogħol tal-ventartal tal-fidda mastizz li fih il-basso-riljef tad-Dixxipli ta' Emmaws li nħadem fl-1970 mid-ditta *Rossetti* ta' Milan fuq disinn ta' Guże' Galea.

Referenzi: Bezzina Joseph
*The Gozo Cathedral and the Cathedral Museum, History and Guide.*
*Gaulitana 2001.*

Links Travel
Your link to the world!
Organisers for Group Tours, Honeymoons, and all other types of Worldwide Travel
47, Republic Street, Victoria, Gozo VCT 103, Malta.
**Tel:** 356 2156 0180, 356 2155 6476 **Mob:** 9949 5700
**Fax:** 356 2156 0181
**Email:** travel@linksmalta.com **Web:** www.linksmalta.com